**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Magro**
**vs**

**Kylian Meysman**

**Illum 3 ta' Ottubru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kylian Meysman** detentur tal-karta tal-identita' Belgjana bin-numru 592-4670687-24 billi huma akkuzati talli nhar is- 26 ta' Awwissu 2017 bejn 00:00 u 08:15am gewwa MIA u dawn il-Gzejjer, bi ħsara ta' ħaddieħor, ghamel xi qligħ ieħor b'qerq ghad-dannu ta Brian Azzopardi minn Marsaskala u dan ai termini tal Kap 9 Art 308, 309 u 310 (1) (c).

Talli wkoll fl-istess gurnata wara 08:30am bi ħsara ta' ħaddieħor billi ghamel uzu ta isem falz, ghamel xi qligħ ieħor b'qerq ghad-dannu ta Brian Azzopardi minn Marsaskala u dan ai termini tal Kap 9 Art 41 (1) (a), 308, 309 u 310 (1) (c).

Talli sab xi ħaġa mobbli li ma tkunx teżor, minghajr ma radda lill-pussessur tagħha ta' qabel, jekk kien magħruf: inkella mingħajr dewmien ma ghaddijiex f'idejn il-Pulizija u dan ai termini tal- Art 564(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera mill-ewwel u rritorna r-rota li nxtrat bil-card tal-kwerelant u l-istess sid tal-hanut li kien se jghaddi l-flus lura tar-rota lill-kwerelant.

L-imputat skuza ruhu mal-kwerelant ghall-inkonvenjent li holoqlu.

Semghet lill-parte civile jiddikjara li huwa m'ghandux interess f'dawn il-proceduri, li huwa thallas parti minn dak dovut lilu (€250) u l-kumplament kienu hlasijiet ta' bzonnijiet biex l-imputat ikun jista' jiekol u jghix.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li gie Malta biex ifittex ix-xoghol, kien sab il-karta ta' kreditu uzata minnu biex ghamel tliet xirjiet, skuza ruhu u rritorna lura parti sostanzjali mid-danni sofferti mill-kwerelant.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputaat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti ordnat ukoll lill-imputat ihalli l-gzejjer Maltin stante li m'ghandux mezzi biex imantni lilu nnifsu, m'ghandux impjieg u gie ordnat jitlaq mill-post fejn jabita' mis-sid.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**